MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2007

Numru. 191/2004

Il-Pulizija
(Spettur Walter Spiteri)

vs

Aaron Cassar

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, Aaron Cassar, ta’ 24 sena, iben John u Mary Grace nee Mallia, imwieled Pieta fl-20 ta’ Frar, 1980 u residenti Blokk G, Flat 1, Qasam tal-Menhir, Kirkop u detentur tal-karta ta’ l-identita numru 137880M, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fil-Hamrun fil-11 ta’ Awissu 2003, ikkommetta serq ta’ vettura Nru FBN 886 ghad-

detriment ta' sidha Antoine Azzopardi, liema serq hu kwalifikat, bil-valur li jeccedi l-elf liri Maltin, u xorta tal-haga misruqa;

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, u lok, ikkommetta diversi affarijiet minn go l-istess vettura li l-valur taghhom ma jeccedix l-elf liri Maltin ghad-detriment ta' Antoine Azzopardi;

Akkuzat ukoll talli volontarjament ghamel hsara fuq il-vettura FBN 886 liema hsara ma teccedix il-hamsin liri Maltin;

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-23 ta' Mejju 2006 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikoli 261 (c)(g), 267, 279(b), 280, 281, 325(a), 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Semghat lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti.

Rat l-atti ta din il-kawza, d-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dan il-procediment.

Semghat lill-imputat debitament assistit jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijet kollha dedotti kontra tieghu u dan waqt is-seduta tal-4 ta' Mejju 2007.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kapitlu 9 u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u taghtu zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni ta' l-istess imputat il-Qorti tiddikjara li qed issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li fiz-zmien li gew kommessi r-reati in dizamina l-imputat kellu problema mill-abbuz mid-droga izda jidher li llum huwa ttermina programm u rrijabilita ruhu u l-Qorti ghalhekk jidrilha li l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita’ sabiex jirriforma ruhu u jaqbad it-triq it-tajba.

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-ligi kollha msemmija fin-Nota tal-Avukat Generali tat-23 ta’ Mejju 2006 kif ukoll l-Artikoli 17 u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta’ Malta tidikjara li qed issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda taghmel ordni ta’ *probation* li permezz tieghu tqieghed lill-hati taht is-sorveljanza ta’ l-ufficjal tal-*probation* illi ghandu jigi assenjat skond il-ligi u dan ghall-perjodu ta’ tlett (3) snin millum u dan taht is-segwenti kundizzjonijiet:-

1. Li matul il-perijodu ta’ probation ta’ tlett (3) snin Aaron Cassar ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.

2. L-ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-progress ta’ Aaron Cassar kull sitt xhur bil-miktub.

3. Aaron Cassar ghandu javza immedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b’kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull bon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car l-effett ta’ din l-ordni u tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 qed tinnotifika minnufih kopja ta’ din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation li ghandu jassenja l-ufficjal tal-*probation idoneju* ghall-hati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------